MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 301/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Yvonne Farrugia)
Vs
Vincent Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-21 t'April, 1997 u/jew f'xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess u jew taht il-kontroller tieghu vettura tal-marka "Ford Escort 1600 XR3", bin-numru tar-registrazzjoni Z 2748, minghajr l-awtorita` mehtiega tal-Kontrollur tad-Dwana, liema vettura kienet originarjament propjeta` ta' Marie Jeanne Van Hoeck Veranneman u giet rilaxxata lilha mid-Dwana minghajr il-hlas ta' dazju dovut taht il-kundizzjonijiet kif stipulati fl-Att dwar Dazju ta' l-importazzjoni Kap. 337 skond id-dokument TIX 13/89 datat 27 ta' Jannar 1989.

Din il-vettura ghandha valur ta' LM2112, dazju LM1162, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju, 2010, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn tali akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Lulju 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex issib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta' l-appellat.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu abbazi ta' apprezzament zbaljat u inkomplet tal-fatti tal-kaz.

Illi preliminarjament jigi sottomess illi l-fatti odjerni taw lok ghal proceduri kriminali kemm fil-konfront ta' l-appellat Azzopardi (u cioe` dawk odjerni) kif ukoll fil-konfront ta' Marie Jeanne Van Hoeck Veranneman, liema proceduri gew difinittivament konkluzi fis-7 ta' Settembru, 2000 (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell inserita a fol. 157 tal-process odjern). Illi l-fatti u c-cirkostanzi fiz-zewg kawzi huma l-istess u ghaldaqstant ix-xiehda moghtija fil-kawza kontra Marie Jeanne Van Hoeck Veranneman giet ammess fil-proceduri odjerni (vide l-verbal ta' l-Ewwel Qorti tas-17 ta' Mejju, 2001).

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti jinghad mal-ewwel illi minkejja li l-imsemmija Qorti sabet il-verzjoni moghtija minn Marie Jeanne Van Hoeck Veranneman bhala wahda

kredibbli u rriteniet illi ma sarx il-bejgh tal-vettura, dan il-fatt uniku m'ghandu bl-ebda mod iwassal lill-Qorti sabiex tezonera lill-appellat mir-reus illi xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu vettura illi ma kienx thallas dazju skond il-ligi.
Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi vettura tat-tip Ford Escort 1600 XR3 bin-numru tar-registrazzjoni Z 2748 giet impurtata Malta fis-17 ta' Mejju, 1985 minn certa Ingerborg Merthe in rapprezentanza ta' Urthe Merthe u dana skont id-dokument tad-Dwana TIT473/85. Sussegwentement l-imsemmija vettura giet trasferita lil Marie Jan van Hoeck Veranneman, persuna ntiolata li tircievi din il-karozza fis-27 ta' Jannar, 1989 taht l-istess kundizzjonijiet dogunali. Insegwitu l-appellat Vincent Azzopardi kien interessat f'din il-vettura u tela' Ghawdex sabiex jispezzjonaha. In effetti l-appellat ta 500 Lira lill-imsemmija Marie Jan van Hoeck Veranneman u gabha Malta sabiex jaffettwa xi tiswijiet kif ukoll biex ikun jista jirregola ruhu dwar id-dazju. Difatti l-appellat ha l-imsemmija vettura ghand tellar u mekkanik. F'xi zmien l-Ufficjali tad-Dwana kienu qeghdin jaghmlu nvestigazzjonijiet dwar vetturi illi dahlu Malta minghar dazju lil nies intitolati bl-istess mod tal-vettura in kwistjoni u kellmu lil Marie Jan van Hoeck Veranneman li nfurmathom mall-ewwel li din il-vettura kienet bieghtitha lil xi hadd mill-Gzira. Mill-investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlu l-Ufficjali tad-Dwana fil-garaxx indikat lilhom irrizulta illi l-appellat Vincent Azzopardi kien zarma l-karozza u ghadda d-diversi parts taghha lil garaxxijiet differenti sabiex jaghmlu t-tiswijiet skont is-sengha taghhom. Peress illi t-trasferiment tal-vettura favur l-appellat ma sarx ai termini tal-Ligi l-pulizija resqet lill-appellat il-Qorti bir-reati odjerni u l-ewwel Qorti permezz tas-Sentenza taghha ta' l-14 ta' Gunju, 2010 illiberat lill-appellat. L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza peress illi dehrlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u nkomplet tal-fatti tal-kaz. Spjega kif l-ewwel Qorti bazat hafna l-argumenti taghha fuq il-fatt illi emmnet lil Mrs. Veranneman illi ma bieghetx il-vettura lill-appellat u l-500 Lira li hadet kienet biss forma ta' garnazija. L-Avukat Generali argumenta illi l-fatt jekk sarx

il-bejh jew le huwa rrelevanti, li kien importanti hu li l-vettura kienet fil-pussess volut ta' l-appellat u li kien jaf illi ma kienx hallas id-dazju dovut fuqha.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ghandha l-konfort illi l-kawza kontra Marie Jan Veranneman giet definittivament diciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Settembru, 2000 fejn giet ikkonfermata s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet htija. Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell qalet "*This Court is quite satisfied that what happened in this case was appellant (Veranneman) gave the car in question to Azzopardi for him to do practically as he pleased, and in return she pocketed 500 Liri. This, according to this Court, amounts "to a disposal" of the vehicle in question contrary to the above mentioned provision, even though the car was (and is) still registered in appellant's name*." Fuq dan id-dispost ma jistax ikun hemm argumenti. Marie Van Jan Hoeck Veranneman iddisponiet mill-vettura taht liema titolu favur l-appellat li rcieva l-vettura versu l-korrispottiv ta' 500 Lira u dana kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-ordinanza tad-Dwana. Mill-provi ulterjuri jirrizulta illi l-appellat kien fil-pussess effettiv ta' din il-vettura tant illi ghamel minnha "qua dominus", iddecieda illi jzarma partijiet minnha u jghaddi dawn il-partijiet lil diversi garaxxijiet ghat-tiswija skont ir-rispettiva sengha taghhom. Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti hija jekk l-appellat kienx jaf illi fil-fatt id-dazju fuq din il-vettura ma kienx ghadu mhallas u quindi din il-vettura ma setghetx tghaddi minn persuna ghal ohra.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat tal-provi migbura jidher car illi l-appellat kien ben konxju tal-fatt illi d-dazju ma kienx ghadu thallas. Veranneman qaltlu car u tond li l-vettura kellha Z plate u li d-dazju ma kienx ghadu thallas. L-istess appellat fix-xhieda tieghu jirrimarka illi huwa kien ftiehem mas-sinjura Veranneman biex jara jistax jiehu l-vettura Malta "biex nara kemm fih dazju u kemm fih hsara biex nirrangah". Ikompli jghid ukoll illi ghamel l-arrangamenti sabiex jirmoka l-vettura jehodha ghand tellar

u mbaghad jara kemm fih  dazju biex ikun jista jixtri finalment il-vettura minn ghand Veranneman.  Dawna huma ndikazzjonijiet altru li car illi juru minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-appellat fil-mument tal-konsenja tal-vettura kien ben konxju tal-fatt illi dik il-vettura kienet impurtata taht providimenti specjali u li ma kienx hemm dazju mhallas fuqha.  Di piu bhala persuna fil-mistier tan-negozju tal-karozza kien jaf illi dik il-vettura ma setax jiehu pussess taghha minghar l-ewwel ma jhallas id-dazju dovut.

Quindi din il-Qorti thoss illi la l-appellat kien fil-pussess volut tal-vettura kontra r-regolamenti dogonali illi kien jaf illi kellu jhallas id-dazju fuqha jpoggieh nettament fic-censura tal-Ligi u kellu jinstab hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.  Ghalhekk din il-Qorti tqis illi ghandha tiddisturba d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti peress illi fuq il-provi illi kellha quddiemha ma setghetx legalment u ragunevalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilaq l-appell, thassar, tirrevoka u tannulla s-Sentenza appellata, ssib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikli msemmija fic-citazjoni u qieset illi dan ir-reat sar taht regim ta’ multa differenti minn dak li jezisti llum liema regim huwa ta’ beneficcju ta’ l-appellat li din il-Qorti sejra tapplika, tikkundanna ghalhekk lill-appellat ghal multa ta’ €12824 u tikkonferma l-konfiska tal-vettura favur il-Gvern ta’ Malta kif ga ppronuncjat fis-Sentenzi precidenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------